

Brussell, 17 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9921/21

COSI 123
ENFOPOL 237
CRIMORG 60
ENFOCUSTOM 96
FRONT 240
CYBER 180
JAI 745

NOTA

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8436/3/21 REV 3, 14884/1/18 REV 1

Suġġett: Termini ta' Referenza tal-EMPACT



Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-Termini ta' Referenza tal-EMPACT li ġew approvati

TERMINI TA' REFERENZA TAL-EMPACT

1.	EMPACT	3
1.1.	Introduzzjoni	3
1.2.	Passi.....	4
1.3.	Żvilupp u ġestjoni ta' OAP.....	6
1.3.1.	Aspetti ġenerali	7
1.3.2.	Żvilupp ta' OAP	8
1.3.3.	Segwitu u kondivizzjoni ta' OAP mas-sħab	10
1.3.4.	Laqgħat ta' OAP.....	10
1.3.5.	Koordinazzjoni orizzontali tal-abbozzar u l-eżekuzzjoni tal-OAPs	10
1.4.	JADs.....	11
1.5.	Skedi informattivi tar-riżultati u materjali promozzjonali	11
1.6.	Taħriġ	12
1.7.	Komunikazzjoni	14
2.	Atturi u sħab rilevanti, rwoli u responsabbiltajiet	15
2.1.	Atturi rilevanti - Stati Membri tal-UE.....	15
2.1.1.	COSI	15
2.1.2.	Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT (NECs).....	15
2.1.3.	Parteċipant ta' OAP	20
2.1.4.	Koordinatur ta' Għan Strateġiku Orizzontali Komuni	22
2.1.5.	Promoturtur ta' OAP	24
2.1.6.	Kopromotur ta' OAP	27
2.1.7.	Mexxejja ta' Azzjoni	28
2.2.	Atturi rilevanti - Europol - appoġġ speċifiku addizzjonali	30
2.2.1.	Tim ta' Appoġġ tal-EMPACT	30
2.2.2.	Għotjiet tal-EMPACT.....	32
2.2.3.	Proġetti ta' Analiżi tal-Europol	33
2.3.	Atturi rilevanti - istituzzjonijiet, korpi, aġenziji tal-UE	34
2.4.	Sħab - pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab oħra.....	34

1. EMPACT

1.1. Introduzzjoni

Fit-8 ta' Marzu 2021, il-Kunsill qabel dwar il-kontinwazzjoni permanenti ta' Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja: EMPACT 2022+¹.

Dan iċ-ċiklu pluriennali tal-EMPACT għandu l-għan li jindirizza l-aktar theddidiet sinifikanti għall-UE kkawżati mill-kriminalità internazzjonali organizzata u serja b'mod koerenti u metodoloġiku billi jtejjeb u jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE kif ukoll ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet, inkluż is-settur privat fejn rilevanti.

Il-karatteristiċi ewlenin tal-EMPACT huma:

- L-approċċ immexxi mill-intelligence ibbażat fuq approċċ orjentat lejn il-futur u mmirat lejn il-kontroll tal-kriminalità, li jiffoka fuq l-identifikazzjoni, l-analiżi u l-"għestjoni" ta' "problemi" jew "riskji" persistenti tal-kriminalità u oħrajn li qed jiżviluppaw.
- Il-karattru integrat: isir l-aħjar użu u allinjament tal-kontributi komplementari tal-atturi kollha multidixxiplinari u minn aġenziji differenti, li jiġu mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet rilevanti (pubbliċi u privati) f'approċċ ta' sħubija.
- L-approċċ multidixxiplinari, integrat u integrali: indirizzar tal-livelli kollha li fihom jista' jiġi influwenzat il-fenomenu billi jintużaw miżuri u azzjonijiet kemm preventivi kif ukoll ta' natura repressiva, u miżuri proattivi u reattivi, kemm strateġiċi (maħsuba biex jinholq impatt fuq it-theddida) kif ukoll operazzjonali (maħsuba biex jinholq impatt fuq il-gruppi/networks tal-kriminalità organizzata u fuq il-kriminali).

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti ta' Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja: EMPACT 2022+ (6481/21). It-terminu "Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja" ġie sostitwit bl-isem uniku "EMPACT" (*Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddida Kriminali*). Għaldaqstant, il-bqija ta' dan id-dokument ser jirreferi biss għall-"EMPACT".

1.2. Passi

L-EMPACT tikkonsisti minn erba' passi kif stipulat hawn taħt:

Pass nru 1

- L-iżvilupp ta' politika abbażi ta' Valutazzjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (EU SOCTA) li għandha tipprevedi stampa sħiħa u kompluta tat-theddidiet kriminali li għandhom impatt fuq l-Unjoni Ewropea.
- B'kont meħud tal-fatt li l-kriminalità qed tevolvi b'mod rapidu, il-Europol, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, tħejji wkoll rieżami ta' nofs it-terminu, frapport interim lill-Kunsill, ta' theddidiet ġodda, li qed jiżviluppaw u dawk emerġenti, filwaqt li tagħti attenzjoni lill-prijoritajiet maqbula mill-UE fil-qasam tal-kriminalità.

Pass nru 2

- Il-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) iħejji, abbażi tad-Dokument Konsultattiv dwar il-Politika (PAD), ibbażat fuq l-EU SOCTA, u filwaqt li jikkunsidra dokumenti, valutazzjonijiet u politiki strateġiċi oħra, għadd limitat ta' priyoritajiet, li huma definiti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill.
- Il-COSI jistieden lill-Istati Membri biex imexxu, b'mod individwali jew b'mod konġunt, u jipparteċipaw fil-prijoritajiet rilevanti dwar il-kriminalità u fil-passi li jmiss, kif jinsabu hawn taħt, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-UE.
- Pjan Strateġiku Pluriennali Ġenerali (G-MASP) li jkun fih l-Għanijiet Strateġiċi Orizzontali Komuni (CHSGs) jiġi żviluppat għall-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali (OAPs) kollha sabiex ikun hemm iżjed konsistenza u jinkiseb approċċ multidixxiplinari, integrat u integrali (li jkopri miżuri preventivi u repressivi kif ukoll taħriġ) biex it-theddidiet ta' prijorità jiġu indirizzati b'mod effettiv.
- Il-G-MASP bis-CHSGs jiġi adottat mill-COSI jew mill-Grupp ta' Appoġġ COSI.

- Żvilupp, implimentazzjoni u monitoraġġ tal-OAPs annwali, li jenħtieġ li jiġu allinjati mas-CHSGs kif stipulat fil-G-MASP, biex jiġu indirizzati t-theddidiet ta' prijorità.
- L-OAPs jista' jkun fihom għanijiet strateġiċi mmirati addizzjonali (ATSGs) imfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-prijorità.
- L-OAPs jistgħu jinkludu azzjonijiet li, fejn ikun meħtieġ u ġustifikat, idumu aktar minn sena. Xi azzjonijiet jistgħu jindirizzaw aktar minn għan strateġiku wieħed.
- Il-COSI jew il-Grupp ta' Appoġġ COSI jivvalida l-OAPs annwali.
- L-Istati Membri għandhom jintegraw l-azzjonijiet rilevanti żviluppati fl-OAPs fl-ippjanar nazzjonali tagħhom u jallokaw riżorsi xierqa biex jappoġġaw approċċ komuni tal-UE.
- L-aġenziji rilevanti tal-UE għandhom jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw l-azzjonijiet żviluppati fi ħdan l-EMPACT fil-programmi ta' ħidma annwali tagħhom u li jagħmlu dispożizzjonijiet baġitarji speċifiċi.
- In-networks rilevanti tal-UE għandhom jimpenjaw ruħhom li jappoġġaw u jsaħħu l-istrument tal-EMPACT u l-implimentazzjoni tal-OAPs fil-programmi ta' ħidma tagħhom.
- Il-COSI jimmonitorja l-progress tal-OAPs kull sitt xhur, fost l-oħrajn abbażi tas-sejbiet tal-Europol dwar l-implimentazzjoni tal-OAPs, rapporti mill-Promoturi u l-laqgħa tal-Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT (NEC)². Is-sejbiet tal-Europol dwar l-implimentazzjoni tal-OAPs ser iqisu l-monitoraġġ li jsir mit-Tim ta' Appoġġ tal-EMPACT (EST) u ser jinkludu sommarju tal-punti ewlenin, l-isfidi u tabella illustrattiva tal-istatus tal-azzjonijiet u l-parteċipanti fihom.
- Barra minn hekk, il-COSI ser iwettaq kemm valutazzjoni ta' nofs it-terminu kif ukoll valutazzjoni finali tar-riżultati tal-azzjonijiet biex ikejjel sa liema punt ikunu ntlaħqu s-CHSGs u l-ATSGs inklużi fl-OAPs.

² Il-Promoturi ta' OAP jippreżentaw rapport darbtejn f'sena: rapport fil-qosor f'Settembru u rapport komprensiv f'Marzu tas-sena ta' wara.

Il-prijoritajiet, is-CHSGs u, fejn rilevanti, anke l-ATSGs inklużi fl-OAPs jistgħu jiġu riveduti fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu ta' theddidiet ġodda, li qed jinbidlu u emerġenti.

Pass nru 4

- Fi tmiem kull ċiklu tal-EMPACT, ser titwettaq evalwazzjoni indipendenti biex jiġu vvalutati l-implimentazzjoni tal-EMPACT u l-eżiti tagħha. Ir-riżultati ser jiġu trażmessi lill-Kunsill, li mbagħad jieħu deċiżjoni ta' politika infurmata, u ser iservu bħala gwida għaċ-ċiklu tal-EMPACT li jkun imiss.
- Il-Kummissjoni ser tikkonsulta lill-aġenziji tal-Istati Membri u lill-aġenziji tal-UE fil-COSI dwar l-iżvilupp tal-mekkaniżmu għall-evalwazzjoni indipendenti, filwaqt li tqis l-esperjenzi tal-passat.

1.3. Żvilupp u ġestjoni ta' OAP

Il-fini ta' OAP huwa li jipprovdi opportunità għall-atturi³ u s-shab⁴ rilevanti biex jippjanaw attivitajiet b'mod kollaborattiv, f'ambjent multinazzjonali u multidixxiplinari li jinvolvi partijiet tal-UE u mhux tal-UE kif ukoll atturi tal-infurzar tal-liġi u oħrajn mhux tal-infurzar tal-liġi. L-OAPs jiġu żviluppati kull sena taħt it-tmexxija tal-Promotur ta' OAP rispettiv, fi ħdan proċess ta' abbozzar iffaċilitat mill-EST.

Sabiex l-azzjoni taħt l-OAPs tiġi ġestita b'mod effiċjenti u effettiv, il-punti ewlenin huma elenkati hawn taħt.

³ L-atturi rilevanti huma l-Istati Membri tal-UE, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE.

⁴ Is-sħab huma pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab oħra (eż. networks/gruppi tal-UE, kumpanniji privati).

1.3.1. Aspetti ġenerali

- l-ewwel tiġi ppreżentata s-sitwazzjoni attwali tal-fenomeni/theddida tal-kriminalità u tal-inizjattivi eżistenti biex jiġi indirizzat il-fenomeni/it-theddida;⁵
- jekk meħtieġ, fejn jiġi identifikati lakuni ta' intelligence fil-materjal strateġiku rilevanti disponibbli, il-Europol (u/jew l-aktar aġenzija rilevanti tal-UE) tista' tintalab tifformula rekwiżit ta' intelligence tal-UE ffokat biex jimtlew il-lakuni;
- abbażi tal-linji gwida dwar it-tfassil ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) SMART, qabel ma jinbdew l-azzjonijiet, jiġi stabbiliti objettivi/miri operazzjonali tanġibbli u li jistgħu jitkejlu;
- jintlaħaq qbil dwar il-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-partiċipanti kollha;
- jiġi żgurat li jkun hemm nomini ċari mill-atturi u s-sħab rilevanti kollha
- jiġi żgurat li l-azzjonijiet jitwettqu fil-perijodu ta' żmien speċifikat u jiġi segwiti b'mod xieraq;
- jiġi żgurat li jsir rappurtar xieraq għal-laqgħa tal-NECs, skont il-mudelli u l-mekkaniżmu tal-ġbir tar-rappurtar;
- jiġi ggarantiti koordinazzjoni u integrazzjoni tajba tal-proġetti ffinanzjati mill-UE fi ħdan l-OAP;
- titqajjem kuxjenza fl-Istati Membri dwar kif jitmexxew l-azzjonijiet;
- jiġi indirizzati b'mod xieraq l-interdipendenzi bejn il-prijoritajiet marbuta u l-OAPs;
- fejn adatt, jiġi żgurat li jsiru kuntatti mal-Eurojust fi stadju bikri, biex jiġi ggarantit li jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex jinħolqu l-aħjar kondizzjonijiet għal rispons għidizzjarju b'suċċess;
- jiġi żgurat li jsiru l-kuntatti meħtieġa ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab oħra rilevanti dwar objettivi komuni fl-implimentazzjoni tal-OAPs.

⁵ L-EU SOCTA u l-element strateġiku li jiggwida l-fokus operazzjonali tal-OAP jistgħu jintużaw bħala bażi jew punt ta' tluq.

Huwa rrakkomandat bil-qawwa li l-Istati Membri, il-Kummissjoni, is-SEAE u l-aġenziji tal-UE jagħmlu dispożizzjonijiet baġitarji speċifiċi għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-OAPs fiċ-ċikli rispettivi tal-ippjanar baġitarju tagħhom.

L-għadd ta' OAPs għal kull prijarità tal-UE dwar il-kriminalità huwa ddeterminat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill li jstabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE dwar il-kriminalità għall-EMPACT.

Fejn il-valutazzjoni tat-theddid ta' nofs it-terminu turi bidla sinifikanti fix-xenarju kriminali u l-Istati Membri jqisu li jkun meħtieġ li jiġi introdott CHSG, ATSG, prijarità jew OAP ġdid, dan għandu jitressaq quddiem il-COSI għal diskussjoni/approvazzjoni. Jekk ikun hemm qbil, il-prijorità u/jew l-OAP il-ġdid ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

1.3.2. Żvilupp ta' OAP

F'isem il-Promoturi, l-EST jibgħat stedinet lill-parteċipanti tal-OAP, sabiex jipproponu azzjonijiet operazzjonali (OAs) abbażi tal-mudell tas-CHSGs identifikati.

Il-proposti għall-OAs u l-voluntiera għal Mexxejja ta' Azzjoni (ALs) jinġabru mill-EST u sussegwentement jiġu rieżaminati mill-Promoturi⁶. Kull Promotur jikkonsolida l-proposti għal kull OAP. Wara l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet operazzjonali u bil-qbil tal-Istati Membri parteċipanti kollha, il-Promotur jikkonferma jekk proposta ta' OA li tkun waslet minn wieħed mis-sħab, tkunx ġiet aċċettata⁷.

L-espressjonijiet ta' interess għal parteċipazzjoni fl-OAs jinġabru mill-EST u jiġu ppreżentati lill-Promotur u lill-ALs. Il-Promotur u l-AL rilevanti jikkonfermaw sussegwentement jekk tkunx ġiet aċċettata l-offerta minn sieħeb biex jipparteċipa f'OA.

⁶ Fuq talba tal-Promotur, l-EST jista' jibgħat lill-Promotur il-kontribut inizjali ("mhux maħdum") għall-OAP rispettiv.

⁷ Il-Kapitoli 2.1.7 u 2.4 jagħtu aktar dettalji dwar meta sieħeb jista' jassumi r-rwol ta' AL.

L-EST jista' jinvolvi wkoll lis-sħab tal-Europol⁸:

- Bi ftehim mal-Promotur⁹, pajjiżi terzi bi ftehim operazzjonali mal-Europol jistgħu jiġu mistiedna jipproponu OA(s).
- Bi qbil mal-Promotur¹⁰, pajjiżi terzi li jkollhom ftehim operazzjonali jew strateġiku jew arranġament ta' ħidma mal-Europol jistgħu jiġu mistiedna jesprimu l-interess tagħhom li jipparteċipaw f'OA(s).

Il-Promoturi jew l-ALs (bi qbil mal-Promotur) jistgħu jistiednu sħab oħra, pereżempju n-networks affiljati mal-LEWP, pajjiżi terzi barra min-network ta' sħab tal-Europol, korpi pubbliċi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, biex jipproponu u/jew jesprimu interess li jipparteċipaw f'OAs, filwaqt li jieħdu kont dovut tar-restrizzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni¹¹.

Il-Promoturi u l-Mexxejja ta' Azzjoni jiżguraw li jitlestew l-elementi kollha meħtieġa tal-OAs.

Il-Promotur jippreżenta abbozz ta' OAP f'isem l-atturi rilevanti fl-OAP.

⁸ Lista tas-sħab tal-Europol hija disponibbli fis-sit web www.europol.europa.eu, fejn ser titqies l-infrastruttura disponibbli, b'mod partikolari s-SIENA u l-Uffiċċju ta' Kollegament.

⁹ Meta l-Promotur ma jkunx għadu ġie identifikat, l-EST jista' jistieden lill-pajjiżi terzi kollha li jkollhom ftehim operazzjonali.

¹⁰ Meta l-Promotur ma jkunx għadu ġie identifikat, l-EST jista' jistieden lill-pajjiżi terzi kollha li jkollhom ftehim operazzjonali jew strateġiku jew arranġament ta' ħidma.

¹¹ Ara l-paragrafi 2 u 3 ta' dan il-kapitolu għal dettalji dwar meta sieħeb jista' jassumi r-rwol ta' AL u/jew ta' parteċipant f'azzjoni, kif ukoll il-kapitolu 2.1.7 u 2.4 għal aktar informazzjoni.

1.3.3. Segwitu u kondiviżjoni ta' OAP mas-sħab

It-talbiet għal bidliet relatati mal-parteċipazzjoni fl-OAs jinġabru mill-EST, li jiżgura li l-ALs u l-Promoturi rilevanti jiġu infurmati, jekk tintalab bidla minn attur rilevanti. L-approvazzjoni tagħhom ser tintalab ukoll jekk ikun ser jiżdied sieħeb.

L-EST jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bil-bidliet.

Il-Europol tista' tikkondividi OAP mas-shab¹².

1.3.4. Laqgħat ta' OAP

Il-Europol tiffinanzja¹³ u tipprovdi appoġġ għal-laqgħat ta' rfinar ta' OAP u l-laqgħat ta' tnedija ta' OAP. Barra minn hekk, il-Promotur[...] jista' jsejjaħ sa żewġ laqgħat strateġiċi addizzjonali fil-Europol kull sena jew jieħu vantaġġ mill-appoġġ offrut lill-Promotur minn aġenziji oħra tal-UE.¹⁴ Jistgħu jiġu organizzati laqgħat addizzjonali dwar l-implimentazzjoni ta' OAP.¹⁵

1.3.5. Koordinazzjoni orizzontali tal-abbozzar u l-eżekuzzjoni tal-OAPs

Biex tiġi żgurata koerenza fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-OAPs, il-Promoturi u l-ALs tal-OAPs, f'kooperazzjoni mal-Koordinaturi tas-CHSGs u n-NECs, ser jużaw metodu ta' ħidma kooperattiv u komplementari mmirat biex jiġi żgurat skambju fluwidu ta' informazzjoni, tinstab soluzzjoni għal duplikazzjonijiet u frammentazzjoni possibbli tal-isforzi u jitrawmu sinerġiji bejn l-azzjonijiet skont il-prijoritajiet tal-EMPACT. Huwa importanti li t-triq 'il quddiem magħżula tkun ibbażata fuq ftehim reċiproku bejn il-partijiet ikkonċernati kollha involuti u li jiġi segwit l-aktar appoġġ komuni effettiv għall-investigazzjonijiet u l-operazzjonijiet kriminali.

¹² Ir-regoli għall-kondiviżjoni tal-OAPs ma' pajjiżi terzi huma stabbiliti fid-dokument 12126/17. Il-kondiviżjoni tal-OAPs għandha ssir fuq bażi ta' każ b'każ u f'konformità mar-regoli dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni/tal-protezzjoni tad-data.

¹³ Dawn il-laqgħat huma ffinanzjati mill-baġit tal-Europol stess.

¹⁴ Tali laqgħat ser jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Europol jew tal-Aġenzija volontarja.

¹⁵ L-għadd ta' laqgħat, fiżiċi jew online, jiddependi mir-riżorsi disponibbli.

1.4. JADs

Il-Jiem ta' Azzjoni Konġunta (JADs¹⁶) għandhom fil-mira n-networks kriminali li jaffettwaw lill-UE billi jindirizzaw aspekk strateġiku, orizzontali jew ġeografiku wieħed jew aktar ta' kriminalità relatata ma' oqsma prijoritarji multipli ta' kriminalità kif definiti fl-EMPACT.

Il-JADs huma inizzjattiva mmexxija mill-intelligence tal-Istati Membri, appoġġata jew ikkoordinata mill-aġenziji rilevanti tal-ĠAI (b'mod partikolari l-Europol u l-Frontex), li sseħħ fil-qafas tal-EMPACT. L-OAs tal-OAPs jistgħu jiġu implimentati bħala jum ta' azzjoni tal-EMPACT (meta jaffettwaw biss prijorità partikolari tal-EMPACT) jew f'forma oħra ta' jum/jiem ta' azzjoni, jekk ma jikkwalifikawx bħala JAD.

Ir-riżultati tal-JAD jiġu evalwati u rrapportati fi ħdan il-mekkaniżmu ta' rappurtar tal-EMPACT.

Il-kunċett tal-JAD jitħejja kull sena mill-Europol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, il-Eurojust, il-Frontex u l-OLAF (filwaqt li jaġixxi fi ħdan il-kompetenza tiegħu), wara li tinkiseb gwida strateġika mill-COSI.

1.5. Skedi informattivi tar-riżultati u materjali promozzjonali

L-EMPACT tejbet il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi kemm bejn l-atturi kif ukoll bejn is-sħab rilevanti tal-UE. Dan wassal għal titjib fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni, intelligence kriminali u prattiki tajba, u rawwem għadd ta' investigazzjonijiet u operazzjonijiet konġunti.

Barra minn hekk, l-attivitajiet ikkoordinati fi ħdan l-EMPACT wasslu għal riżultati operazzjonali fil-ġlieda kontra gruppi tal-kriminalità organizzata u networks kriminali oħra u l-attivitajiet tagħhom, pereżempju, bit-tnedija ta' investigazzjonijiet u l-arrest ta' awturi suspettati, is-sekwestru ta' oġġetti jew l-identifikazzjoni tal-vittmi¹⁷.

Dawn ir-riżultati pożittivi jistħoqqilhom jiġu enfasizzati u jsiru disponibbli kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE sabiex tingħata viżibbiltà lill-benefiċċji li l-EMPACT qed tiġġenera bit-tnaqqis tal-livelli tal-kriminalità organizzata u l-kriminalità internazzjonali serja.

¹⁶ Id-definizzjoni ta' JAD tinsab fid-dokument 5167/17.

¹⁷ Ara d-dok. 11992/20 - Rapport finali tal-istudju ta' evalwazzjoni dwar iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali u organizzata serja/EMPACT 2018-2021.

L-iskedi informattivi annwali għal kull OAP, kif ukoll skeda informattiva sommarja li tkopri l-OAPs kollha u waħda speċifika għall-JADs, jitħejjew mill-Europol bħala informazzjoni pubblika, wara konsultazzjoni mal-Promotur rispettiv, biex ir-riżultati operazzjonali ewlenin tal-attivitajiet tal-EMPACT jiġu kondiviżi. L-iskedi informattivi huma bbażati fuq data strutturata u rilevanti miġbura fir-rapporti tal-Promoturi skont il-mekkaniżmu ta' rappurtar tal-EMPACT.

Il-partijiet ikkonċernati tal-EMPACT huma mħeġġa jippubblikaw l-iskedi informattivi annwali tal-EMPACT bir-riżultati fuq is-siti web uffiċjali rispettivi tagħhom.

Kull sena jitħejjew vidjo promozzjonali u infografika rilevanti sabiex tissaħħaħ il-viżibbiltà tar-riżultati miksuba.

1.6. Taħriġ

Fit-twettiq tal-azzjoni 14 tal-Kronoloġija - EMPACT 2022-2025¹⁸, is-CEPOL, f'kooperazzjoni mal-aġenziji tal-ĠAI u esperti oħra, ser tiżviluppa u tipprovdi pakkett ta' taħriġ u għarfien dwar il-qafas tal-EMPACT.

L-attivitajiet ta' taħriġ għandhom l-għan li:

- jżidu l-għarfien dwar il-mekkaniżmu tal-EMPACT u r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-atturi rilevanti;
- jikkontribwixxu għal OAPs speċifiċi b'azzjonijiet ta' taħriġ rilevanti (b'avvenimenti ta' taħriġ residenzjali u online, programm ta' skambju u attivitajiet simili oħra).

¹⁸ 5120/2/21 REV 2

L-attivitajiet ewlenin li jippromwovu l-mekkaniżmu tal-EMPACT ser ikunu:

- workshop(s) residenzjali u webinars għan-NECs, l-unitajiet amministrattivi tan-NECs, il-Promoturi u l-Kopromoturi u l-Mexxejja ta' Azzjoni, relatati mal-ġestjoni tal-prijoritajiet tal-EMPACT, li jiffokaw fuq il-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-OAPs f'livelli differenti, skont l-atturi involuti;
- workshops għall-Promoturi u l-Kopromoturi. Fost objettivi oħra, dawn l-avvenimenti ser jippermettu lill-Promoturi u lill-Kopromoturi jiltaqgħu flimkien u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;
- modulu online għall-persunal tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri;
- materjal ta' informazzjoni għall-Istati Membri li għandu jintuża fil-livell nazzjonali (għat-traduzzjoni);
- ġabra ta' "prattiki tajba" mill-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE diġà identifikati f'ċiklu/i preċedenti.

Il-kontenut tal-attivitajiet ser ikopri:

- għażla aħjar tal-parteċipanti (profil tajjeb);
- titjib tal-kwalità tal-proċess (formulazzjoni ta' għanijiet strateġiċi u azzjonijiet operazzjonali);
- ġestjoni aħjar tal-proġetti (rappurtar, komunikazzjoni);
- għarfien dwar ir-riżorsi finanzjarji disponibbli tal-UE u l-użu tal-pakkett ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament;
- għarfien profund tad-dokumenti rilevanti tal-EMPACT u l-implimentazzjoni tagħhom, b'mod partikolari t-Termini ta' Referenza, il-mudelli u l-linji gwida dwar it-tfassil ta' KPIs SMART.

Kull parteċipant ta' OAP, qabel ma jattendi workshop ta' OAP, ser ikollu l-opportunità jiffamiljarizza ruħu mal-EMPACT permezz tal-modulu online.

1.7. Komunikazzjoni¹⁹

Bl-objettiv li jiżdied l-għarfien dwar l-EMPACT fost il-prattikanti tal-infurzar tal-liġi, partijiet ikkonċernati oħra u l-pubbliku ġenerali, biex tissaħħaħ l-identità tagħha u biex jiġi enfasizzat il-kontribut tagħha għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-kriminalità organizzata u serja, il-komunikazzjoni relatata mal-EMPACT ser tinkludi, b'mod partikolari, l-aspetti li ġejjin:

- Isem uniku ("EMPACT") u logo għall-EMPACT, inkluż għall-JADs, kif ukoll il-hashtag #EMPACT, fejn xieraq. Dawn l-elementi għandhom jintużaw b'mod konsistenti fil-materjali rilevanti kollha biex jippromwovu u juru l-impatt tal-EMPACT fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-kriminalità internazzjonali serja.
- L-użu ta' lingwaġġ aċċessibbli (billi jiġi evitat lingwaġġ tekniku) u tal-multilingwiżmu, f'kampanji kbar ta' komunikazzjoni fil-media. Referenzi għal informazzjoni speċifika dwar ir-rwol tal-atturi kollha involuti (eż. l-Istati Membri, l-aġenziji, eċċ.) fl-azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-EMPACT.

L-Istati Membri u l-aġenziji tal-ĠAI, appoġġati mis-SĠK u l-Kummissjoni, fejn adatt, għandhom jippromwovu b'mod attiv l-għarfien dwar l-EMPACT u l-viżibbiltà tagħha fil-komunikazzjonijiet kollha dwar l-attivitajiet, l-operazzjonijiet u r-riżultati relatati mal-EMPACT jew ifffinanzjati f'dan il-qafas, inkluż permezz tal-pubblikazzjoni u l-promozzjoni tar-riżultati operazzjonali (inkluż l-iskedi informativi).

¹⁹ Fi stadju aktar tard ser tiġi żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni aktar dettaljata li ser tiżdied ma' dawn it-Termini ta' Referenza. Il-komunikazzjoni għandha tiegħu kont, pereżempju, tal-"Pjan dettaljat ta' Komunikazzjoni dwar il-komunikazzjoni tal-EMPACT" (12302/20).

2. Atturi u sħab rilevanti, rwoli u responsabbiltajiet

2.1. Atturi rilevanti - Stati Membri tal-UE

L-Istati Membri tal-UE huma l-atturi rilevanti ewlenin tal-EMPACT. Ir-rwol tagħhom jitwettaq f'diversi livelli: COSI, NEC, parteċipant ta' OAP, Koordinatur tas-CHSG, Promotur, Kopromotur u Mexxej ta' Azzjoni, Komexxej jew parteċipant f'OA.

2.1.1. COSI

Minbarra r-rwol tiegħu fl-istabbiliment ta' politika, u fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-EMPACT (ara l-kapitolu 1.2), il-COSI jevalwa mill-qrib l-implimentazzjoni tal-OAPs, inkluż il-partiċipazzjoni tal-Istati Membri u ta' atturi oħra biex jiżgura l-impenn u l-allokazzjoni meħtieġa tar-riżorsi umani u finanzjarji. Dawn il-kompiti huma ffaċilitati mill-kontribut regolari pprovdut mill-Europol.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti ta' Ċiklu ta' Politika tal-UE: EMPACT 2022+²⁰ stabbilixxew ukoll il-qafas tar-responsabbiltajiet għall-COSI fir-rigward tar-rwol tiegħu fl-EMPACT.

2.1.2. Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT (NECs)

(a) Nomin

Kull Stat Membru jaħtar "Koordinatur Nazzjonali tal-EMPACT" (NEC) skont il-kompetenza nazzjonali tiegħu. Il-ħatra tiġi nnotifikata mill-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Europol tal-Istat Membru rispettiv lill-EST li jżomm lista tan-NECs. Jekk il-pożizzjoni ssir vakanti, l-Istat Membru rispettiv jaħtar, mingħajr dewmien, rappreżentant ġdid bħala NEC.

L-atturi rilevanti l-oħra (istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE) għandhom jaħtru Koordinaturi tal-EMPACT u jinnotifikaw lill-EST²¹. Barra minn hekk, is-sħab huma wkoll imħeġġa jaħtru Koordinaturi tal-EMPACT u jinnotifikaw lill-EST (ara aktar dettalji fil-kapitolu 2.4).

Kull NEC għandu jkollu supplenti, li għandu jinħatar abbażi tal-istess kriterji. In-NEC supplenti għandu jirrappreżenta lin-NEC fl-assenza tiegħu.

²⁰ 6481/21.

²¹ Fejn applikabbli, l-istess profil, regoli u responsabbiltajiet kif imsemmija f'aktar dettall f'dan il-kapitolu japplikaw ukoll għall-Koordinatur tal-EMPACT mill-istituzzjoni, il-korp jew l-aġenzija tal-UE.

(b) Profil

In-NEC huwa uffiċjal b'responsabbiltà għolja bi kmand strateġiku li għandu l-awtorità biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-EMPACT f'pajjiżu[...]. Din il-persuna għandha tiġi infurmata b'kollioz u għandu jkollha responsabbiltà ġenerali għall-impenn tal-Istat Membru lejn l-EMPACT. Billi l-koordinazzjoni nazzjonali hija fattur ewlieni għas-suċċess tal-OAPs, huwa rrakkomandat li n-NECs ikunu f'pożizzjoni li jiddedikaw parti sinifikanti mill-ħin tax-xogħol tagħhom għal kwistjonijiet tal-EMPACT u jiksibu biżżejjed appoġġ fil-livell nazzjonali.

(c) Kompitu u responsabbiltajiet

In-NEC għandu funzjoni ta' koordinazzjoni orizzontali fil-livell nazzjonali billi huwa responsabbli għall-allinjament tal-involvement u l-kontributi tal-Istati Membri għall-OAPs kollha li fihom jipparteċipa l-Istat Membru, u għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni multidixxiplinari bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u s-sħab mhux tal-infurzar tal-liġi, inkluż awtoritajiet pubbliċi oħra u s-settur privat. Barra minn hekk, in-NEC għandu jiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali jiġu infurmati regolarment dwar l-OAPs kollha, inkluż dawk li fihom l-Istat Membru rispettiv ma jipparteċipax.

Kull NEC għandu jiżgura l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-COSI fir-rigward tal-EMPACT fl-Istat Membru tiegħu, u għandu jikkordina l-allokkazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa u jiżgura li l-parteeipant(i) ta' OAP jingħata(w) (i)s-setgħa mill-Istati Membri biex iwettaq/iwettqu (i)l-kompiti tiegħu/tagħhom. Għalhekk huwa importanti li n-NEC ikun (f'pożizzjoni li jidħol) f'kuntatt mill-qrib mal-ġerarkija tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (eż. Kap tal-Pulizija, Kap Prosekutur, Direttur Doganali), sabiex il-problemi (eż. nuqqas ta' impenn jew kooperazzjoni minn awtoritajiet nazzjonali oħra) ikunu jistgħu jiġu diskussi u solvuti malajr kemm jista' jkun.

Qabel ma Stat Membru jħabbar fil-COSI jew fil-Grupp ta' Appoġġ COSI li biħsiebu jingħaqad ma' OAP, in-NEC ta' dak l-Istat Membru jiżgura li:

- it-theddida hija tabilħaqq problema li jistħoqqilha attenzjoni speċifika fl-Istat Membru tiegħu;
- il-possibbiltà li jiġu allokat i r-riżorsi umani u finanzjarji adegwati tkun ivvalutata b'mod pożittiv;
- l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, fejn rilevanti, japplikaw għall-għotjiet tal-EMPACT u jużawhom u jiġġestixxuhom b'mod rigoruż u effiċjenti;

- ikun possibbli li tiġi identifikata l-persuna adatta biex tipparteċipa fl-OAP, jiġifieri xi ħadd bl-għarfien espert meħtieġ li jkun f'pożizzjoni li jirrappreżenta lill-Istat Membru u li jkollu l-awtorità li jiddeċiedi dwar inizjattivi operazzjonali, u l-possibbiltà li jidentifika investigazzjonijiet/każijiet li huma rilevanti għall-OAP, li jiġbor id-data rilevanti kollha biex jikkontribwixxi għall-Proġetti ta' Analiżi tal-Europol u li jaċċessa l-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA).

Matul l-iżvilupp ta' OAP, in-NEC jiżgura li:

- il-proposti għal OAs ikunu kkoordinati fil-livell nazzjonali;
- il-parteeċipazzjoni f'OAs tkun ikkoordinata fil-livell nazzjonali;
- il-kontribut u l-involvement tal-atturi rilevanti kollha tal-infurzar tal-liġi u, fejn rilevanti, anke tal-atturi mhux tal-infurzar tal-liġi, ikunu kkoordinati fil-livell nazzjonali;

Matul l-implimentazzjoni tal-OAP, in-NEC jiżgura li:

- il-Promoturi ta' OAP, il-Kopromoturi, il-(Ko)Mexxejja ta' Azzjoni u parteċipanti oħra mill-Istat Membru rispettiv ikollhom il-ħin u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu r-rwol tagħhom kif ukoll aċċess għas-SIENA u għodod rilevanti oħra ta' komunikazzjoni jew ta' skambju ta' informazzjoni;
- ir-rwol tal-atturi msemmija hawn fuq ikun debitament rikonoxxut fil-livell nazzjonali;
- ikun hemm possibbiltajiet ta' komunikazzjoni sodi bejn in-NEC u l-parteeċipanti nazzjonali kollha ta' OAP mill-Istat Membru rispettiv, biex il-problemi jkunu jistgħu jiġu diskussi u solvuti malajr kemm jista' jkun (eż. ostakli minn livell oġġla, nuqqas ta' impenn jew kooperazzjoni minn awtoritajiet nazzjonali oħra, eċċ.);
- l-ALs nazzjonali jipprovdu r-rapporti meħtieġa fil-ħin;
- l-għarfien meħtieġ dwar l-EMPACT u dwar il-benefiċċji tagħha għall-UE u l-Istati Membri jiżdied fil-livell nazzjonali, inkluż fost l-uffiċjali ta' kollegament bilaterali stazzjonati fiż-żoni mmirati u fost l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-oħra;
- il-lista nazzjonali tal-parteeċipanti ta' OAP u tal-parteeċipazzjoni f'OA tinżamm aġġornata;
- ikun hemm komunikazzjoni mal-media biex titqajjem kuxjenza dwar l-EMPACT.

(d) Laqgħat

Kull sitt xhur il-Presidenza tippresiedi laqgħa tan-NECs li tiġi ffaċilitata u ospitata mill-Europol. Jekk jintlaħaq qbil mill-Presidenza, il-laqgħa tista' tiġi ospitata wkoll minn aġenzija oħra tal-ĠAI. Eċċezzjonalment u jekk jintlaħaq qbil mill-Presidenza, il-laqgħa tista' tiġi organizzata permezz ta' vidjokonferenza.

L-oġġettivi ta' dawn il-laqgħat huma li:

- jimmonitorjaw il-progress tal-OAPs abbażi tar-rappurtar mill-Promoturi u l-Mexxejja ta' Azzjoni;
- jivvalutaw l-abbozzi tal-OAPs qabel ma jiġu ppreżentati lill-COSI/lill-Grupp ta' Appoġġ COSI għall-approvazzjoni;
- jindirizzaw, jiddiskutu u jsolvu l-problemi identifikati mill-Promoturi jew permezz tal-monitoraġġ regolari mill-EST;
- jikkunsidraw kwistjonijiet ta' rilevanza ġenerali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-OAPs, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni multidixxiplinari bejn l-OAPs inkluż il-JADs;
- abbażi tal-monitoraġġ, jirrakkomandaw azzjonijiet lill-COSI sabiex jittejbu l-proċessi tal-EMPACT jew jiġu aġġustati OAPs individwali;
- wara sentejn ta' implimentazzjoni ta' OAPs, u abbażi tar-rapporti mill-Promoturi u l-kontribut strateġiku mill-COSI u skont il-mekkaniżmu ta' rappurtar, iħejju valutazzjoni tar-riżultati tal-azzjonijiet biex jitkejjel sa fejn ikunu ntlaħqu l-għanijiet strateġiċi, biex tiġi kkunsidrata mill-COSI;
- jindirizzaw kwalunkwe kwistjoni oħra kif ordnat mill-COSI.

Il-monitoraġġ min-NECs huwa organizzat f'isem il-COSI u għalhekk l-eżitu ta' dawn il-laqgħat huwa rappurtat kull sitt xhur mill-Presidenza lill-COSI.

Parti mil-laqgħa tista' ssir bi proċedura bil-miktub.

L-atturi li ġejjin huma mistiedna jattendu dawn il-laqgħat:

- Koordinaturi tal-EMPACT;
- Promoturi tal-OAPs;
- Koordinaturi tas-CHSGs;
- il-President tal-Grupp ta' Appoġġ COSI;
- is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill;
- is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea;
- is-SEAE;
- il-Europol, b'mod partikolari l-EST biex jiffaċilita l-laqgħa u l-persuni ta' kuntatt tal-Proġetti ta' Analiżi li jappoġġaw l-OAPs;
- aġenziji oħra tal-ĠAI tal-UE li jipparteċipaw fl-OAPs.

Il-Presidenza tista' tiddeċiedi li tistieden lil Kopromoturi, rappreżentanti ta' korpi oħra tal-Unjoni u ta' strutturi oħra tal-Kunsill (eż. il-Grupp ta' Appoġġ COSI, il-LEWP - fil-format tal-pulizija u tad-dwana, networks ta' prattikanti), u lil esperti tal-Istati Membri dwar suġġetti speċifiċi għal partijiet rilevanti tal-laqgħat. Barra minn hekk, fejn ikun ġustifikat, is-sħab jistgħu jiġu mistiedna għal parti dedikata tal-laqgħa tal-NEC (għal aktar dettalji ara l-kapitolu 2.4).

2.1.3. Parteċipant ta' OAP

(a) Nomina

Id-deċiżjoni ta' attur rilevanti li jingħaqad ma' OAP tiġi nnotifikata mill-Kunsillier tal-Grupp ta' Appoġġ COSI/Kunsillier tal-ĠAI tal-Istat Membru rispettiv jew mir-rappreżentant ekwivalenti ta' aġenzija jew istituzzjoni/korp tal-UE lill-COSI jew lill-Grupp ta' Appoġġ COSI. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill joħroġ regolarment lista aġġornata ta' atturi rilevanti (Stati Membri tal-UE, istituzzjonijiet/korpi u aġenziji li jipparteċipaw fl-OAPs), li tindika r-rwol ta' dawn l-atturi (Promotur, Kopromotur) u l-parteċipazzjoni f'OAP. Barra minn hekk, l-EST jipprovdi lista tal-entitajiet kollha li jipparteċipaw fl-OAP għas-sena speċifika, inkluż ir-rwoli tagħhom (Mexxej ta' Azzjoni, Komexxej ta' Azzjoni, parteċipant f'OA).

L-Istati Membri li jissiehu f'OAP għandhom jingħaqdu fl-istess ħin mal-Proġett ta' Analiżi rilevanti tal-Europol jekk ma jkunux diġà membru.

Il-Kummissjoni tista' wkoll tingħaqad ma' OAP b'mod partikolari fejn dan iġib valur miżjud għall-OAs, pereżempju fl-identifikazzjoni ta' żviluppi leġislattivi, ta' politika u strateġiċi li għandhom jiġu segwiti, fl-appoġġ tal-ippjanar ta' azzjonijiet operazzjonali jew fażijiet preparatorji tal-JADs, fl-appoġġ tal-kooperazzjoni ma' sħab mhux tal-UE, fl-iżvilupp ta' taħriġ jew soluzzjonijiet innovattivi, jew biex jiżdied l-għarfien dwar il-possibiltajiet eżistenti ta' finanzjament u l-azzjonijiet (eċċ.). Madankollu, il-Kummissjoni (bl-eċċezzjoni tal-OLAF li jaġixxi fil-kompetenza tiegħu) ma għandhiex tkun involuta f'attivitajiet investigattivi, li jinvolvu l-iskambju ta' informazzjoni personali fil-qafas ta' investigazzjonijiet speċifiċi, jew f'każijiet speċifiċi bħall-ġbir ta' evidenza jew miżuri investigattivi u konsegwentement ma għandhiex tirċievi informazzjoni (investigattiva) operazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-SĠK dwar l-interess tagħha li tissieħeb f'OAP.

Kull attur rilevanti li jipparteċipa f'OAP jaħtar rappreżentant bħala parteċipant ta' OAP. Jekk il-pożizzjoni ssir vakanti, l-attur rilevanti jaħtar mingħajr dewmien rappreżentant ġdid bħala parteċipant ta' OAP. L-NEC jikkoordina u jżomm il-ħarsa ġenerali nazzjonali tal-parteċipazzjoni f'OAP.

(b) Profil

Il-parteċipant f'OAP jirrappreżenta lill-Istat Membru tiegħu fl-OAP. Il-parteċipant għandu jkun espert li jkun impenjat u jkun mogħti s-setgħa mill-awtoritajiet nazzjonali tiegħu biex jikkontribwixxi b'mod attiv għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-OAP. Jekk ikun meħtieġ, il-parteċipant ta' OAP huwa mistenni li jkun lest li jmexxi u/jew imexxi b'mod konġunt mill-inqas azzjoni operazzjonali waħda tal-OAP.

Huwa kruċjali li:

- ikun hemm linji ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (eż. il-Kap tal-Pulizija, il-Kap Prosekutur, id-Direttur tad-Dwana) u l-parteċipant, sabiex il-problemi jkunu jistgħu jiġu diskussi u solvuti malajr kemm jista' jkun (eż. nuqqas ta' impenn jew kooperazzjoni minn awtoritajiet nazzjonali oħra);
- il-parteċipant ikun appoġġat mill-maniġment tiegħu biex isegwi fil-livell nazzjonali dak li jkun ġie miftiehem matul il-laqgħa tal-grupp tal-OAP;
- il-parteċipant ikollu aċċess għall-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA) tal-Europol u jkun għalkollox konxju mill-għodod ta' komunikazzjoni rilevanti eżistenti kollha biex ikun żgurat fluss rapidu ta' informazzjoni mal-parteċipanti l-oħra;
- ikun hemm kontinwità bejn il-parteċipanti, li jieħdu t-tagħlimiet lura fil-livell nazzjonali u jużaw l-esperjenza tagħhom. Jekk il-parteċipant ikollu jiġi sostitwit f'każijiet eċċezzjonali, huwa għandu jiżgura li s-suċċessur tiegħu jiġi infurmat bis-sħiħ dwar il-passat tal-OAP.

Bl-appoġġ tal-NEC, il-parteċipant ta' OAP:

- ikun f'pożizzjoni li jiżgura implimentazzjoni xierqa mill-awtoritajiet kompetenti (billi jkun jista' jmexxi l-operazzjonijiet, jiġbor l-informazzjoni rilevanti dwar l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin u jibgħatha bħala kontribut għall-Proġett ta' Analiżi tal-Europol, jibda inizjattivi operazzjonali, eċċ.); u
- ikun jista' jimmobilizza r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa.

(c) Kompiti u responsabbiltajiet

Hija r-responsabbiltà tal-parteċipanti ta' OAP li:

- jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-OAP u jikkoordinaw l-implimentazzjoni tal-OAP fil-livell tal-Istati Membri/aġenziji/istituzzjonijiet tal-UE;
- jinformat lill-NECs u lill-unitajiet nazzjonali rilevanti, lill-Promotur u lill-Europol dwar l-inizjattivi, ir-responsabbiltajiet fil-livell nazzjonali u l-iżviluppi rilevanti għall-OAP; u
- jinformat lill-Promotur u lill-EST dwar xi jkun qed isir fil-livell nazzjonali/ta' aġenzija/ta' istituzzjoni biex jiġu implimentati l-OAs.

2.1.4. Koordinatur ta' Għan Strateġiku Orizzontali Komuni

(a) Nomina

Wara t-tfassil u l-approvazzjoni tas-CHSGs, Stat Membru tal-UE jew aġenzija tal-UE jew network tal-UE li jipparteċipa f'OAP jista' jiddeċiedi li jinnomina rappreżentant biex jaġixxi bħala "koordinatur ta' CHSG". Wara qbil mill-COSI, il-ħatra tiġi nnotifikata lill-EST li min-naħa tiegħu jinforma lill-Promoturi kollha u lill-NECs kollha b'din il-ħatra u jżomm lista aġġornata b'mod regolari tal-koordinaturi. Għandu jkun hemm koordinatur wieħed biss għal kull CHSG, li jista' jkun assistit minn supplenti wieħed.

(b) Profil

Il-koordinatur ta' CHSG għandu jkun jista' jikkollabora u jipprovdi konsulenza/pariri lill-Promoturi/Kopromoturi/Mexxejja ta' Azzjoni u lill-NECs. Il-koordinaturi ser ikunu meħtieġa jkollhom ħiliet u kompetenzi speċifiċi fil-qasam tas-CHSG rispettiv, approċċ fit-tul u globali, kif ukoll fehim ġenerali sod ta' kif jitwettqu l-attivitajiet tal-EMPACT u l-OAPs. Jekk ikun possibbli, l-aġenziji tal-UE jew in-networks tal-UE għandhom jiġu mħeġġa jkunu l-koordinatur tas-CHSGs, meta jkun xieraq b'kont meħud tal-pożizzjoni unika tagħhom.

(c) Il-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-koordinaturi huma li:

- jikkollaboraw mad-diversi Promoturi/Kopromoturi u jappoġġawhom dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni b'suċċess ta' inizjattivi komuni u għanijiet strateġiċi orizzontali, flimkien mal-ALs u l-grupp tal-OAP;
- jappoġġaw lill-Promoturi/Kopromoturi/ALs biex jinżammu kuntatti mill-qrib mal-Istati Membri parteċipanti u l-aġenziji tal-UE fir-rigward tal-integrazzjoni tal-għanijiet strateġiċi żviluppati fl-EMPACT fl-ippjanar nazzjonali tagħhom u fil-programmi ta' ħidma annwali tal-aġenziji tal-UE;
- jagħtu pariri u jipprovdu għarfien speċjalizzat lill-Promoturi/Kopromoturi dwar azzjonijiet possibbli li jistgħu jiġu żviluppati fl-OAPs biex jiġi implimentat is-CHSG;
- jagħtu pariri lill-Promoturi/Kopromoturi/Mexxejja ta' Azzjoni dwar l-involviment ta' għarfien espert speċjalizzat u multidixxiplinari/b'diversi aġenziji;
- jikkoordinaw, fejn rilevanti, l-implimentazzjoni tas-CHSG rispettiv fil-prijoritajiet kollha fil-qasam tal-kriminalità sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-allinjament u jiġu evitati duplikazzjonijiet possibbli;
- jidentifikaw u jikkondividu eżempji ta' prattiki tajba fl-implimentazzjoni tas-CHSGs għall-prijoritajiet kollha fil-qasam tal-kriminalità;
- jikkontribwixxu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, għall-valutazzjoni ta' nofs it-terminu u dik finali tar-risultati tal-azzjonijiet biex jitkejjel il-progress li jkun sar fl-għanijiet strateġiċi;
- jiġbdu l-attenzjoni tal-Promoturi/NECs għal kwalunkwe kwistjoni importanti li tista' tipperikola l-implimentazzjoni tas-CHSG li jkunu qed jissorveljaw.

2.1.5. Promoturtur ta' OAP

(a) Nomina

Rappreżentant tal-Istat Membru mexxej jippresiedi l-OAP. Wara qbil mill-COSI dwar l-Istat Membru li jmxexxi OAP, l-Istat Membru rispettiv jaħtar rappreżentant biex jippresiedi l-OAP bħala Promotur. Il-ħatra tiġi nnotifikata mill-NEC permezz tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Europol tal-Istat Membru rispettiv lill-EST li jżomm lista aġġornata b'mod regolari tal-Promoturi. Jekk il-pożizzjoni ssir vakanti, l-Istat Membru mexxej jaħtar mingħajr dewmien rappreżentant ġdid bħala Promotur.

(b) Profil

Il-Promotur jeħtieġ li jkollu ħiliet ta' tmexxija u ta' komunikazzjoni b'saħħithom u biżżejjed kompetenzi biex jiġġestixxi OAP. Huwa importanti li jitqies iż-żmien li dan ir-rwol ser jeżiġi u l-fatt li l-Promoturi rarament ikunu f'pożizzjoni li jittrattaw kwistjonijiet tal-EMPACT fuq bażi full-time.

(c) Kompiti u responsabbiltajiet

Hija r-responsabbiltà tal-Promotur li:

- ifassal l-OAP, flimkien mal-grupp tal-OAP;
- jikkoordina u jiġġestixxi l-OAP, appoġġat mill-Kopromoturi;
- jimplimenta l-OAP, flimkien mal-grupp tal-OAP;
- jiddelega t-tmexxija ta' OAs speċifiċi lill-ALs;
- jissorvelja l-implimentazzjoni tal-OAs u jżomm il-lista aġġornata tal-ALs;
- jippresiedi l-laqgħat tal-grupp tal-OAP;
- jikkuntattja lill-NECs rilevanti f'każ ta' interpretazzjonijiet differenti bejn il-parteciċipanti f'OAP;

- iżomm kuntatti mill-qrib mal-Istati Membri parteċipanti, b'mod partikolari l-NECs, u l-aġenziji tal-UE dwar l-integrazzjoni tal-OAs żviluppati fl-OAPs fl-ippjanar nazzjonali tagħhom u l-programmi ta' ħidma annwali tal-aġenziji tal-UE;
- jikkollabora, fejn rilevanti, ma' Promoturi/Kopromoturi rilevanti oħra, biex jissimplifika l-koordinazzjoni dwar kwistjonijiet trasversali, inkluż dwar l-ippjanar tal-JADs;
- jikkoordina l-mekkaniżmu tal-ġbir tad-data dwar ir-riżultati operazzjonali, b'appoġġ mill-Europol;
- jirrapporta, f'konformità mal-mekkaniżmu ta' rappurtar, dwar il-progress tal-OAP permezz tal-EST lill-NECs. Dan ir-rapport ser ikopri s-sitwazzjoni attwali tal-OAs u r-riżultati tagħhom u ser jivvaluta l-kisba tal-KPIs abbażi tar-rapporti riċevuti mill-ALs u bl-użu ta' funzjonalitajiet possibbli tal-IT, inkluż għodod ta' rappurtar awtomatizzati, żviluppati aktar għal dan il-għan. L-iskadenza għar-rapporti hija mniżżla fid-dokument "Kronoloġija għall-EMPACT" li jinħareġ kull sitt xhur mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill;
- jikkoordina t-talbiet għal finanzjament b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet operazzjonali;
- jikkunsidra l-kooperazzjoni rilevanti ma' pajjiżi terzi u partijiet terzi u jinvolvihom f'laqgħat u azzjonijiet taħt l-azzjoni operazzjonali kull meta jkun xieraq.
- ihegġegħ l-involviment ta' atturi rilevanti differenti u l-koordinazzjoni ma' inizjattivi tal-UE u dawk internazzjonali
- jippromwovi l-komunikazzjoni tal-media dwar l-OAP tiegħu.

(d) Laqgħat tal-grupp tal-OAP

Il-Promotur jippresiedi l-laqgħat tal-grupp tal-OAP tiegħu kif ukoll il-laqgħat tal-ALs, iffaċilitati mill-EST.

Bħala regola, il-laqgħat tal-grupp tal-OAP huma ppreseduti mill-Promotur. F'każ li jkun assenti, il-Promotur jista' jinnomina rappreżentant tal-Istat Membru tiegħu stess jew Kopromotur biex jippresiedi laqgħa f'ismu. Il-persuni li ġejjin huma mistiedna jattendu dawn il-laqgħat:

- rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru parteċipanti inkluż il-Kopromoturi u l-ALs. F'każijiet eċċezzjonali, tista' tiġi kkunsidrata parteċipazzjoni addizzjonali, b'kont meħud tal-limitazzjonijiet possibbli tal-ispazju u l-finanzjament;
- il-Europol, b'mod partikolari l-EST li jkun qed jiffaċilita l-laqgħa u l-persuna ta' kuntatt tal-Proġett ta' Analiżi;
- rappreżentanti tal-Atturi Rilevanti li jkunu qed jipparteċipaw fl-OAP;
- il-Promotur jista' jistieden lir-rappreżentanti ta' korpi oħra tal-UE jew ta' strutturi oħra tal-Kunsill (eż. il-LEWP – fil-format tal-pulizija u tad-dwana), u lil esperti tal-Istati Membri dwar suġġetti speċifiċi għal partijiet rilevanti tal-laqgħat;
- fejn rilevanti skont it-theddid identifikat u l-ħtiġijiet operazzjonali, il-Promotur jista' jistieden rappreżentanti tas-shab²².

Bħala regola, il-laqgħat tal-ALs huma ppreseduti mill-Promotur. F'każ li jkun assenti, il-Promotur jista' jinnomina rappreżentant tal-Istat Membru tiegħu stess jew Kopromotur biex jippresiedi laqgħa f'ismu. Il-persuni li ġejjin huma mistiedna jattendu dawn il-laqgħat:

- l-ALs, il-persuna ta' kuntatt tal-Proġett ta' Analiżi u l-EST li jiffaċilita l-laqgħa.

²² Il-Promotur ser jindika għal liema parti(jiet) tal-laqgħa tal-OAP hija mitluba l-preżenza tagħhom għad-diskussjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet operazzjonali.

2.1.6. Kopromotur ta' OAP

(a) Nomina

Stat Membru jew aġenzija tal-UE li tipparteċipa f'OAP tista' tiddeċiedi li tinnomina u taħtar rappreżentant bħala Kopromotur wara qbil mal-COSI. Il-ħatra tiġi nnotifikata mill-NEC permezz tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Europol tal-Istat Membru rispettiv jew mill-aġenzija lill-EST li jinforma lill-Promotur b'din il-ħatra u jżomm lista aġġornata b'mod regolari tal-Kopromoturi. L-għadd rakkomandat ta' Kopromoturi huwa bejn wiehded u tlieta, u jekk possibbli, mill-inqas wiehded minnhom għandu jkun minn Stat Membru.

(b) Profil

Peress li l-Kopromotur jista' jissostitwixxi temporanjament lill-Promotur f'każ li jkun assenti, jeħtieġ li l-Kopromotur ikollu ħiliet u kompetenzi simili biex jiġġestixxi OAP.

Kopromotur huwa mistenni li jkun lest li jmexxi u/jew imexxi b'mod konġunt mill-inqas OA waħda tal-OAP.

(c) Kompiti u responsabbiltajiet

Fejn Kopromotur jew diversi Kopromoturi jinħatru f'OAP, hija r-responsabbiltà tagħhom li:

- jikkollaboraw mal-Promotur u jappoġġawh dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni tal-OAP, flimkien mal-ALs u l-grupp tal-OAP;
- jissorveljaw, f'isem il-Promotur, l-implimentazzjoni ta' għan strateġiku (wiehded jew aktar) sabiex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq u rappurtar f'waqtu tar-risultati mill-ALs rispettivi;
- jippresjedu u jikkoordinaw laqgħat f'isem il-Promotur;
- jappoġġaw it-tfassil tal-OAP flimkien mal-grupp tal-OAP;
- jappoġġaw lill-Promotur biex jinżammu kuntatti mill-qrib mal-Istati Membri parteċipanti u l-aġenziji tal-UE fir-rigward tal-integrazzjoni tal-OAs żviluppati fl-OAPs fl-ippjanar nazzjonali tagħhom u l-programm ta' ħidma annwali tal-aġenziji tal-UE;

- jikkollaboraw, fejn rilevanti, mal-Promotur jew f'ismu dwar kwistjonijiet trasversali ma' Promoturi/Kopromoturi ta' OAPs rilevanti oħra inkluż dwar l-ippjanar tal-JADs;
- jassistu lill-Promotur fir-responsabbiltà tiegħu li jirrapporta permezz tal-EST lill-NECs sal-iskadenza u f'konformità mal-mekkaniżmu ta' rappurtar;
- iwettqu kompiti speċifiċi f'isem il-Promotur bħall-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' finanzjament, il-kooperazzjoni multidixxiplinari jew il-ġestjoni ta' partijiet speċifiċi tal-OAP, inkluż is-superviżjoni ta' ċerti tipi ta' azzjonijiet jew arranġamenti jew gruppi ta' OAs.

2.1.7. Mexxejja ta' Azzjoni

(a) Nomina

Għal kull OA, għandu jinħatar AL minn attur rilevanti voluntier li jipparteċipa f'OAP u jiġi nnotifikat lill-Promotur.

Il-Promotur jista' jaqbel ukoll li jaħtar lill-Kummissjoni bħala Mexxej ta' Azzjoni, taħt ir-responsabbiltà tal-Promotur. Madankollu, il-Kummissjoni (bl-eċċezzjoni tal-OLAF li jaġixxi fil-kompetenza tiegħu) ma għandhiex tmexxi attivitajiet investigattivi, li jinvolvu l-iskambju ta' informazzjoni personali mal-qafas ta' investigazzjonijiet speċifiċi, jew il-ġbir ta' evidenza jew miżuri investigattivi u konsegwentement ma għandha tirċievi l-ebda informazzjoni (investigattiva) operazzjonali.

Jekk il-ħtiġijiet operazzjonali jkunu jeħtieġu dan u l-Istati Membri parteċipanti kollha jaqblu, il-Promotur jista' jiddelega t-tmexxija ta' OA speċifika lil sieħeb.

Il-Promoturi u l-Kopromoturi jistgħu jkunu ALs fl-istess ħin.

Il-ħarsa ġenerali tal-ALs (għal kull pajjiż, aġenzija, istituzzjoni) tinżamm mill-NECs. Il-Promotur iżomm ħarsa ġenerali tal-ALs ta' kull OAP. Jekk il-pożizzjoni ssir vakanti, l-attur jew is-sieħeb rilevanti rispettiv jaħtar, mingħajr dewmien, rappreżentant ġdid bħala AL u jinnotifika lill-Promotur.

L-ALS jistgħu jiġu appoġġati minn Komexxejja ta' Azzjoni minn atturi jew sħab rilevanti. Il-Komexxej ta' Azzjoni jassisti lill-AL u jista' jieħu f'idejh ir-responsabbiltà tal-AL jekk dan ma jkunx disponibbli. Huwa rrakkomandat li r-rwol speċifiku tal-Komexxej ta' Azzjoni jkun rifless fl-OAP li jiżviluppa l-azzjoni kkonċernata. Din mhijiex funzjoni obbligatorja u huwa l-grupp tal-OAP li jiddeċiedi jekk ikunux meħtieġa Komexxejja ta' Azzjoni.

Profil

L-AL għandu jkollu ħiliet ta' tmexxija b'saħħithom u jikseb appoġġ suffiċjenti fil-livell nazzjonali jew mill-aġenzija biex jissalvagwardja l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet taħt l-OA. Huwa għandu jkollu biżżejjed ħiliet, għarfien espert u kompetenzi biex imexxi OA. Ir-rappurtar ta' kwalità għolja mill-ALs lill-Promoturi huwa għodda ewlenija biex jitkejjel il-progress li jkun sar u biex jiġi vvalutat l-impatt tal-OAs.

(b) Kompiti u responsabbiltajiet

Hija r-responsabbiltà tal-AL li f'isem il-Promotur:

- jabbozza pjanijiet għall-OAs, li għandhom jinkludu attivitajiet għall-iżvilupp tal-OA;
- jiżgura l-implimentazzjoni tal-attivitajiet taħt l-OAs, inkluż il-ġestjoni finanzjarja meta jingħata finanzjament u fir-rigward tal-kisba tal-KPIs/għanijiet;
- isegwi/jimmonitorja l-kronoloġiji u l-iskadenzi tal-OAs;
- iżomm komunikazzjoni mal-parteċipanti tal-azzjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-OA;
- jorganizza u jippresiedi laqgħat b'rabta mal-OAs;
- jipprovdi, skont il-mudell tal-AL, kontribut għar-rappurtar tal-Promotur, inkluż riżultati operazzjonali, valutazzjoni tal-azzjonijiet operazzjonali fil-konfront tal-KPIs u informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' segwitu fl-Istati Membri parteċipanti u l-aġenziji tal-UE.

2.2. Atturi rilevanti - Europol - appoġġ speċifiku addizzjonali

Il-Europol jipprovdi servizzi speċifiċi għall-EMPACT permezz tal-EST, l-għotjiet tal-EMPACT u l-appoġġ mill-Proġetti ta' Analiżi.

2.2.1. Tim ta' Appoġġ tal-EMPACT

It-Tim ta' Appoġġ tal-EMPACT huwa stabbilit fil-Europol u huwa magħmul minn persunal tal-Europol u esperti nazzjonali sekondati. Esperti nazzjonali addizzjonali jistgħu jiġu ssekondati mill-Istati Membri lill-Europol biex jipprovdu appoġġ lill-Promoturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-koordinazzjoni bejn il-prijoritajiet differenti, il-JADs u l-mekkaniżmu ta' rappurtar.

L-EST għandu r-rwoli u l-kompiti li ġejjin:

- 1) Li jappoġġa lill-Promoturi fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-OAPs annwali billi:
 - jiffaċilita l-proċess ta' żvilupp tal-OAPs (pereżempju billi jibgħat stedinet għas-sottomissjoni ta' proposti għal OAs, f'isem il-Promotur; jipproċessa l-proposti li jidħlu; iqassam abbozzi preliminari ta' OAPs u jiffaċilita workshops dwar l-irfinar ta' OAP);
 - jikkoordina l-laqgħat relatati ma' OAPs ppreseduti mill-Promotur (aġenda, stedina, minuti);
 - jagħti appoġġ għal proġetti metodoloġiċi inkluż dwar l-abbozzar u l-KPIs;
 - jaġixxi bħala depożitarju għall-OAPs;
 - jiżgura li l-OAPs jiġu kkomunikati lis-sħab rilevanti;
 - jiżgura li jkun hemm kuntatt u kollegament regolari mal-Promoturi u l-Kopromoturi;
 - jorganizza laqgħat possibbli għall-Promoturi biex jiġu żgurati koordinazzjoni aħjar fost l-OAPs u l-iskambju tal-aħjar prattika;

- iħeġġeġ u jiffaċilita komunikazzjoni u kollaborazzjoni bejn l-OAPs li jkollhom għanijiet komuni u/jew interdipendenzi u l-implimentazzjoni ta' inizzjattivi komuni u għanijiet strateġiċi orizzontali;
- jappoġġa l-identifikazzjoni ta' JADs possibbli u jikkoordina t-tnejn ta' JADs fuq skala kbira;
- iħejji l-“Gwida għall-Promoturi” li ser tipprovdi gwida aktar dettaljata dwar ir-rwol tal-Promotur, sabiex tassisti fil-proċedura strutturata ta' trasferiment u l-kontinwità tal-pożizzjoni ta' Promotur²³;
- jissorvelja l-progress tal-OAPs;
- jikkoordina r-rappurtar tal-Promoturi ta' OAP li huwa bbażat fuq ir-rappurtar mill-ALs;
- iħejji l-iskeda informattiva annwali dwar ir-riżultati tal-OAP abbażi tal-mekkaniżmu tal-ġbir ta' rappurtar;
- jaġixxi bħala depożitarju għar-rapporti mill-ALs u l-Promoturi li jistgħu jiġu kkonsultati mill-parteċipanti ta' OAP biex jiċċekkjaw l-istatus tal-OAs.

2) Li jiffaċilita l-laqgħat tal-NECs billi:

- jiffaċilita t-tnejn ta' laqgħat tal-NECs (flimkien mal-Presidenza);
- jiġbor ir-rapporti tal-Promoturi bil-ħsieb tad-diskussjoni fil-laqgħa tal-NECs;
- jabbozza s-sejbiet tal-Europol dwar l-implimentazzjoni tal-OAPs;
- jinforma lill-NECs dwar kwistjonijiet ta' rilevanza ġenerali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-OAPs, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni multidixxiplinari bejn l-OAPs kollha inkluż il-JADs.

²³ Pjan direzzjonali dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni indipendenti ta' Ċiklu ta' Politika tal-UE 2018 - 2021 (ir-rakkomandazzjoni 4.3.), 13686/2/20.

3) Li jappoġġa l-ġestjoni tal-OAPs billi:

- iżomm ħarsa ġenerali tal-parteeċipazzjoni fl-OAs inkluż il-bidliet, u jipprovdi informazzjoni statistika bbażata fuq data miġbura fl-OAPs;
- jipprovdi lill-Promoturi b'ħarsa ġenerali komprensiva taż-żoni ġeografiċi jew żoni oħra koperti minn aktar minn OAP wieħed sabiex ikunu jistgħu, b'appoġġ mill-Kopromoturi, jivvalutaw jekk ikunx hemm lok għal azzjonijiet koordinati jew konġunti jew attivitajiet konġunti oħra;
- jiżgura li jkun hemm kuntatti u skambju ta' informazzjoni regolari mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kkonċernati tal-UE;
- iżomm lista ta' kuntatt tal-NECs, il-Promoturi/Kopromoturi u l-persuni ta' kuntatt tal-Proġett ta' Analiżi;
- jipprovdi informazzjoni lill-parteeċipanti l-ġodda dwar l-OAP u kontribut għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' tagħlim;
- iżomm u jaġġorna l-pjattaformi tal-EMPACT fi ħdan il-Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti (EPE).

2.2.2. Għotjiet tal-EMPACT

Il-Europol tiġġestixxi l-finanzjament tal-EMPACT mill-baġit tal-Europol, skont il-gwida strateġika tal-COSI. B'kont meħud tar-rwol tal-COSI fil-monitoraġġ tal-finanzjament tal-EMPACT, il-Europol tinforma regolarment lid-delegati tal-COSI, kif ukoll lill-NECs u lill-Promoturi, dwar is-sitwazzjoni finanzjarja, id-disponibbiltà tal-fondi, u l-fondi mhux minfuqa mistennija u l-użu possibbli tagħhom. Mingħajr konsultazzjoni minn qabel tal-COSI jew tal-Grupp ta' Appoġġ COSI, il-baġit tal-EMPACT ma jistax jintuża għal finijiet oħra għajr l-attivitajiet tal-EMPACT²⁴. L-informazzjoni rilevanti kollha għandha tiġi pprovduta ferm minn qabel sabiex il-COSI jkun jista' jieħu deċiżjonijiet f'waqthom u infurmati.

²⁴ Sakemm ma jkunx debitament ġustifikat, il-fondi mhux minfuqa għandhom primarjament jiġu assenjati mill-ġdid għal attivitajiet tal-EMPACT.

Il-Europol għandha, f'konformità mar-regoli applikabbli, tipprovdi pariri u gwida lill-applikanti għall-għotjiet. Dan jikkonċerna l-proċedura amministrattiva, ir-rekwiżiti, ir-regoli ta' eliġibbiltà u l-obbligi ta' rappurtar.

Barra minn hekk, il-Europol tikkontribwixxi u tappoġġa t-tnejn ta' pakkett ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament flimkien mal-Kummissjoni, is-SEAE u atturi rilevanti oħra²⁵.

2.2.3. Proġetti ta' Analiżi tal-Europol

Kull grupp ta' OAP għandu jkun appoġġat minn uffiċjal iddeżinjat tal-Europol li għandu jaġixxi bħala l-persuna ta' kuntatt tal-Proġett ta' Analiżi, speċjalment fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' kooperazzjoni operazzjonali bħall-effettività tal-fluss ta' informazzjoni u intelligence. Idealment, dan l-uffiċjal iddeżinjat tal-Europol għandu jaħdem għall-Proġett ta' Analiżi kkonċernat fil-Europol jew ikun espert ta' livell għoli b'għarfien espert suffiċjenti fil-qasam ikkonċernat fil-Europol.

F'kuntatt mill-qrib mal-Promotur, il-Kopromoturi u l-ALs, il-persuna ta' kuntatt tal-Proġett ta' Analiżi għandha:

- tipprovdi l-għarfien espert u l-pariri tagħha dwar il-qasam tal-kriminalità rilevanti, u tippreżenta l-istampa ġenerali tal-kriminalità skont is-sejbiet ibbażati fuq l-intelligence tal-Europol;
- tikkontribwixxi għall-OAP b'każijiet konkreti;
- tkun proattiva u tgħin u tiffaċilita l-proċess ta' implimentazzjoni tal-OAP;
- tappoġġa lill-grupp tal-OAP billi tagħmel disponibbli s-sitwazzjoni attwali tal-fenomeni tal-kriminalità u tal-inizjattivi eżistenti biex jindirizzah;
- tappoġġa, f'kooperazzjoni mill-qrib mat-Tim ta' Analiżi Strateġika fil-Europol, il-komunikazzjoni ta' rekwiżiti ta' intelligence fejn meħtieġ;
- tkun proattiva fl-istabbiliment ta' kuntatti diretti mat-timijiet ta' investigazzjoni rilevanti;

²⁵ F'dan ir-rigward għandhom jiġu enfasizzati d-dispożizzjonijiet legali l-ġodda marbuta mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 rilevanti tal-UE għall-EMPACT.

- tinforma lill-Promotur dwar l-Istati Membri li jonqsu milli jipprovdu informazzjoni lill-Proġett ta' Analiżi rilevanti tal-Europol;
- tikkontribwixxi għall-ippjanar tal-JADs, b'mod partikolari permezz tal-involvement tagħha fit-tnejn tal-analiżi komuni tar-riskji/valutazzjoni tat-tnejjid u dokumenti rilevanti oħra flimkien mal-AL;
- tappoġġa lill-Promotur fil-ġestjoni tal-mekkaniżmu tal-ġbir ta' data.

2.3. Atturi rilevanti - istituzzjonijiet, korpi, aġenziji tal-UE

L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji rilevanti kollha tal-UE (eż. il-Europol, il-Eurojust, il-Frontex, is-CEPOL, l-EMCDDA, l-eu-LISA, l-EFCA, l-EUIPO, eċċ.) għandhom jaqdu bis-sħiħ ir-rwoli rispettivi tagħhom sabiex jinkiseb approċċ ġenwin bejn l-aġenziji mal-atturi rilevanti kollha.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE: EMPACT 2022+²⁶ stabbilixxew ukoll il-qafas tar-responsabbiltajiet għall-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE relatati mar-rwol tagħhom fl-EMPACT. B'mod partikolari, l-aġenziji għandhom jieħdu l-impenn, fil-programmi ta' ħidma annwali tagħhom, li jimplimentaw l-azzjonijiet żviluppati fi ħdan l-EMPACT.

2.4. Sħab - pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab oħra

Biex l-implimentazzjoni operazzjonali tal-EMPACT tkun suċċess, hija għandha tqis id-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna. L-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rilevanti, b'mod partikolari ma' stati assoċjati ma' Schengen, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab oħra, jipprovdi valur miżjud għall-implimentazzjoni operazzjonali tal-EMPACT u jikkontribwixxi biex jiżdied l-għarfien dwar l-EMPACT lil hinn mill-UE.

Element importanti li għandu jitqies għall-involvement tas-sħab huwa l-eżistenza ta' ftehimiet dwar il-kooperazzjoni operazzjonali mal-Europol. L-involvement tas-sħab għandu jikkonforma mar-regoli applikabbli dwar l-iskambji ta' data, kif stipulat b'mod partikolari fir-Regolament tal-Europol.

²⁶ 6481/21.

Is-sħab jistgħu jiġu mistiedna jesprimu l-interess tagħhom li jsiru parteċipanti f'OA, b'mod partikolari s-sħab li jkollhom ftehim operazzjonali jew strateġiku jew arranġament ta' ħidma mal-Europol. Is-sħab jistgħu jesprimu wkoll b'mod spontanju l-interess tagħhom li jsiru parteċipanti f'OA. L-aċċettazzjoni tal-interess tagħhom għandha tiġi kkonfermata mill-AL u l-Promotur ta' OAP rilevanti²⁷.

Is-sħab jistgħu jiġu mistiedna jipproponu OA, b'mod partikolari s-sħab li jkollhom ftehim operazzjonali mal-Europol (inkluż l-istati assoċjati ma' Schengen).²⁸ Is-sħab jistgħu jesprimu wkoll b'mod spontanju r-rieda tagħhom li jmexxu jew imexxu b'mod konġunt azzjoni operazzjonali. Wara l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet operazzjonali u bil-qbil tal-Istati Membri parteċipanti kollha, il-Promotur jikkonferma jekk proposta ta' OA riċevuta minn sieħeb tkunx ġiet aċċettata, u jekk il-Promotur ikunx jista' jiddelega t-tmexxija u/jew it-tmexxija konġunta ta' OA speċifika lil sieheb²⁹.

Laqgħat tal-OAPs

Ir-rappreżentanti tas-sħab rilevanti, b'mod partikolari l-istati assoċjati ma' Schengen, jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-OAPs (inkluż dawk ospitati mill-Europol), fejn rilevanti skont it-theddid identifikat u l-ħtiġijiet operazzjonali. Huma ser jiġu mistiedna mill-Promotur. Is-sħab jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħa sħiħa bl-eċċezzjoni tad-diskussjoni u d-deċiżjonijiet dwar il-governanza jew it-tfassil tal-politika.

Laqgħat tal-NECs

Filwaqt li d-diskussjonijiet fil-laqgħat tal-NECs dwar il-governanza tal-EMPACT, inkluż il-finanzjament u r-rappurtar jew id-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet dwar it-tfassil tal-politika jsiru f'kuntest ta' "atturi rilevanti biss", is-sħab jistgħu jiġu mistiedna għal diskussjoni(jiet) dwar suġġetti oħra kif ġej:

1. Ir-rappreżentanti tal-istati assoċjati ma' Schengen ser jiġu mistiedna sistematikament għal kwistjonijiet fuq l-aġenda li jkunu relatati ma' Schengen. Huma ser jiġu mistiedna wkoll għal suġġetti relatati mal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet operazzjonali li jipparteċipaw fihom u li jappartjenu għal miżuri ta' kooperazzjoni tal-pulizija u s-sigurtà li jakkumpanjaw in-nuqqas ta' kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni.
2. Fejn ikun hemm ġustifikazzjoni ċara biex jagħmlu dan, ir-rappreżentanti tas-sħab jistgħu jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħa tal-NECs fuq bażi ta' każ b'każ.

²⁷ Ara wkoll il-kapitolu 1.3.2 dwar l-iżvilupp ta' OAP.

²⁸ Ara wkoll il-kapitolu 1.3.2 dwar l-iżvilupp ta' OAP.

²⁹ Ara wkoll il-kapitolu 1.3.2 dwar l-iżvilupp ta' OAP u 2.1.7 dwar il-Mexxej ta' Azzjoni.

F'dawn il-każijiet, id-deċiżjoni li jiġu mistiedna rappreżentanti ta' sħab ser tittieħed mill-Presidenza wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Appoġġ COSI jew il-COSI. Barra minn hekk, l-aġenda tal-laqgħa tal-NECs ser ikollha tindika għal liema punti tal-aġenda huma mistiedna r-rappreżentanti tas-sħab.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jippromwovu wkoll l-għarfien dwar l-EMPACT fid-djalogi tal-UE ma' pajjiżi terzi dwar is-sigurtà u jiffaċilitaw, anke permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE, l-Esperti tal-UE fil-qasam tal-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu/tas-Sigurtà u l-Uffiċjali ta' Kollegament Ewropew għall-Migrazzjoni, il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni operazzjonali tal-EMPACT, fejn adatt skont it-theddid u l-ħtiġijiet identifikati.

Lista ta' Abbrevjazzjonijiet:

AL	Mexxej ta' Azzjoni
ATSG	Għan strateġiku Mmirat Addizzjonali
CEPOL	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi
CHSG	Għan Strateġiku Orizzontali Komuni
COSI	Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna
EFCA	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd
EMCDDA	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga
EMPACT	Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali
EPE	Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti
EST	Tim ta' Appoġġ tal-EMPACT fil-Europol
EUIPO	Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea
eu-LISA	Aġenzija tal-UE għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
Eurojust	Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali
Europol	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
Frontex	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

ĠAI	Ġustizzja u Affarijiet Interni
G-MASP	Pjan Strateġiku Pluriennali Ġenerali
JADs	Jiem ta' Azzjoni Konġunta
KPI	Indikatur ewlieni tal-prestazzjoni
LEA	Aġenzija tal-infurzar tal-liġi
LEWP	Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi
NEC	Koordinatur Nazzjonali tal-EMPACT
OA	Azzjoni operazzjonali
OAP	Pjan ta' azzjoni operazzjonali
OLAF	Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi
PAD	Dokument Konsultattiv dwar il-Politika
SEAE	Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
SIENA	Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni
SĠK	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
SMART	Speċifiku, li jista' jitkejjel u jinkiseb, realistiku u marbut mal-ħin
SOCTA	Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata